ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 269

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

13 ta' Ottubru 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2010/614/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri ACP-UE rigward il-miżuri tranżitorji applikabbli mid-data tal-iffirmar sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005** .... 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 914/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali, fejn tidħol is-sustanza saliċilat tas-sodju** ([1]) .......... 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 915/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2011, l-2012 u l-2013 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom** ([1]) .......... 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 916/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imdaħħal fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fourme d'Ambert ou fourme de Montbrison (DPO)]** .......... 19

**Prezz: 3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 917/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fourme de Montbrison (DPO)]** ........ 21

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 918/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kiełbasa lisiecka (IĠP)]** ........ 23

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 919/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 25

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Ġunju 2010**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri ACP-UE rigward il-miżuri tranżitorji applikabbli mid-data tal-iffirmar sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005**

(2010/614/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 [1], kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 [2] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Cotonou") u b'mod partikolari l-Artikolu 95(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Cotonou ġie konkluż għal 20 sena li jibdew mill-1 ta' Marzu 2000. Madanakollu saret dispożizzjoni għall-possibbiltà li dan jiġi emendat permezz ta' proċess ta' reviżjoni wara kull perijodu ta' ħames snin.

(2) In-negozjati għall-ewwel emenda tal-Ftehim ta' Cotonou ġew konklużi fi Brussell fit-23 ta' Frar 2005. Il-Ftehim li Jemenda ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.

(3) Fit-23 ta' Frar 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tagħti bidu għan-negozjati mal-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku bil-għan li tinbeda t-tieni emenda tal-Ftehim ta' Cotonou.

(4) In-negozjati ġew konklużi fid-19 ta' Marzu 2010 bl-inizjalar, f'laqgħa straordinarja tal-Kunsill tal-Ministri ACP-UE, tat-testi li jiffurmaw il-bażi tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Cotonou (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim").

(5) Il-Ftehim, li għandu jiġi ffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010, ser jidħol fis-seħħ mat-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika msemmija fl-Artikolu 93 tal-Ftehim ta' Cotonou.

(6) Skont l-Artikolu 95(3) tal-Ftehim ta' Cotonou, il-Kunsill tal-Ministri ACP-UE għandu jadotta miżuri tranżitorji kif meħtieġ biex ikopri l-perijodu mid-data tal-iffirmar sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(7) L-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim għandha tikkostitwixxi miżura tranżitorja kemm neċessarja kif ukoll suffiċjenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri ACP-UE rigward il-miżuri tranżitorji applikabbli mid-data tal-iffirmar sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), hija li tapprova l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, skont it-termini tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri ACP-UE anness.

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
[2] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.

Bidliet żgħar għall-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jkunu mifthiema mingħajr ma jeħtieġu li tkun emendata din id-Deċiżjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. LÓPEZ GARRIDO

*ANNESS*

## DEĊIŻJONI Nru …/2010 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI ACP-UE

## tat-22 ta' Ġunju 2010

## dwar miżuri tranżitorji applikabbli mid-data tal-iffirmar tal-ftehim sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI ACP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħawaħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]), kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Cotonou"), u b'mod partikolari l-Artikolu 95(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Cotonou ġie konkluż għal 20 sena li jibdew mill-1 ta' Marzu 2000. Madanakollu saret dispożizzjoni għall-possibbiltà li dan jiġi emendat permezz ta' proċess ta' reviżjoni wara kull perijodu ta' ħames snin.

(2) In-negozjati għall-ewwel emenda tal-Ftehim ta' Cotonou ġew konklużi fi Brussell fit-23 ta' Frar 2005. Il-Ftehim li Jemenda ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.

(3) In-negozjati għat-tieni emenda tal-Ftehim ta' Cotonou ġew uffiċjalment imnedija fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri ACP-UE fid-29 ta' Mejju 2009 u ġew konklużi fi Brussell fid-19 ta' Marzu 2010. Il-Ftehim li jemenda għat-tieni darba il-Ftehim ta' Cotonou (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010, ser jidħol fis-seħħ mat-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika msemmija fl-Artikolu 93 tal-Ftehim ta' Cotonou.

(4) Skont l-Artikolu 95(3) tal-Ftehim ta' Cotonou, il-Kunsill tal-Ministri ACP-UE għandu jadotta miżuri tranżitorji kif meħtieġ biex ikopri l-perijodu mid-data tal-iffirmar sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(5) L-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet") iqiesu li huwa xieraq li jipprevedu għall-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, biex jieħu effett mid-data tal-iffirmar tiegħu.

(6) Il-partijiet ser jaħdmu biex ilestu l-proċess ta' ratifika fi żmien sentejn mid-data tal-iffirmar tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

### Applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim

Il-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendatl-ewwel fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), għandu jkun applikat b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu.

*Artikolu 2*

### Implimentazzjoni ta' Din id-Deċiżjoni u dħul fis-seħħ tal-Ftehim

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri tal-Unjoni u l-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku huma mistiedna biex jieħdu l-miżuri li jikkunsidraw xierqa sabiex jimplimentaw din id-Deċiżjoni.

Il-Partijiet għandhom jaħdmu biex ilestu l-proċeduri kollha meħtieġa biex jiżguraw id-dħul fis-seħħ sħiħ tal-Ftehim fi żmien sentejn mid-data tal-iffirmar tiegħu.

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u validità ta' din id-Deċiżjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data li fiha jiġi ffirmat il-Ftehim.

Għandha tapplika sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Magħmul f'Ouagadougou, it-22 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill tal-Ministri ACP-UE*
*Il-President*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 914/2010

**tat-12 ta’ Ottubru 2010**

**li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta’ residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali, fejn tidħol is-sustanza saliċilat tas-sodju**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta’ limiti ta’ residwi ta’ sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mfassla mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

(1) Il-limitu massimu ta’ residwu għal sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni Ewropea fi prodotti mediċinali veterinarji għal annimali li jipproduċu l-ikel jew fi prodotti bioċidali użati fit-trobbija tal-annimali għandu jkunu stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009.

(2) Is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta’ residwu fil-prodotti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali huma stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta’ Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta’ residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali ([2]).

(3) Is-saliċilat tas-sodju huwa attwalment inkluż fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 bħala sustanza permessa għall-ispeċi bovini u porċini għall-użu orali biss, għajr l-annimali li minnhom jiġi prodott il-ħalib għall-konsum mill-bniedem, u għall-ispeċi kollha li jipproduċu l-ikel għajr il-ħut, għall-użu topiku biss.

(4) Tressqet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-estensjoni tal-annotazzjoni eżistenti għas-saliċilat tas-sodju, li huwa ristrett għall-użu orali, biex tinkludi d-dundjani.

(5) Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (aktar ’il quddiem ‘CVMP’) stabbilixxa doża aċċettabbli ta’ kuljum (DAK) għall-aċidu saliċiliku, il-markatur tar-residwu għas-saliċilat tas-sodju, għal 0,38 mg/persuna jew 0,0063 mg/kg tal-piż tal-ġisem bl-użu u l-aġġustament tad-dejta disponibbli għas-sustanza relatata saliċilat tal-aċetil.

(6) Fuq il-bażi tat-tnaqqis tar-residwu fi żmien 24 siegħa tas-saliċilat tas-sodju fid-dundjani ttrattati bis-sustanza, is-CVMP jirrakkomanda fl-opinjoni tiegħu tat-13 ta’ Jannar 2010 MRL provviżorji għall-muskoli, il-ġilda, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tad-dundjani. Dawk l-MRL provviżorji jirrappreżentaw 96 % tad-doża massima ta’ kuljum tar-residwi li jinsabu fl-ikel miksub mid-dundjan.

(7) Peress li d-dejta rilevanti fuq it-tnaqqis tas-saliċilat tas-sodju fil-bajd mhijiex disponibbli, is-CVMP ma setax jevalwa s-sigurtà tas-sustanza fil-bajd. Is-saliċilat tas-sodju għalhekk m’għandux jintuża fl-annimali li jipproduċu l-bajd għall-konsum mill-bniedem.

(8) L-annotazzjoni għas-saliċilat tas-sodju fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għalhekk għandha tiġi emendata biex tinkludi l-MRL provviżorji rakkomandati għas-saliċilat tas-sodju għad-dundjan filwaqt li jiġi eskluż l-użu tas-sustanza fl-annimali li jipproduċu l-bajd għall-konsum mill-bniedem. L-MRL provviżorju stabbilit f’dik it-Tabella għas-saliċilat tas-sodju għandu jiskadi fl-1 ta’ Jannar 2015.

(9) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta’ żmien raġonevoli għall-partijiet interessati kkonċernati biex jieħdu l-miżuri li jistgħu ikunu meħtieġa għall-konformità mal-MRL il-ġdid stabbilit.

(10) Il-miżuri stipulati f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

([1]) ĠU L 152, 16.6.2009, p.11.
([2]) ĠU L 15, 20.1.2010, p.1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 37/2010 għandu jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-12 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-annotazzjoni għas-Saliċilat tas-sodju fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha tinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza farmakoloġikament attiva | Markatur tar-residwu | Speċi tal-Annimali | MRL | Tessuti Kkonċernati | Dispożizzjonijiet Oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009) | Klassifikazzjoni terapewtika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Saliċilat tas-sodju | MHUX APPLIKABBLI | Bovini, porċini | MRL mhux meħtieġ | MHUX APPLIKABBLI | Għall-użu orali.<br>Mhux għall-użu f'annimali li minnhom jiġi prodott il-ħalib għall-konsum mill-bniedem. | L-EBDA ANNOTAZZJONI |
| | | Kull speċi mrobbija għall-ikel għajr ħut bil-ġewnaħ | MRL mhux meħtieġ | MHUX APPLIKABBLI | Għall-użu topiku biss. | |
| | Aċidu saliċiliku | Dundjan | 400 μg/kg | Il-muskoli | Mhux għall-użu fl-annimali li jipproduċu l-bajd għall-konsum mill-bniedem.<br>Il-limiti massimi proviżorji ta' residwu jiskadu fl-1 ta' Jannar 2015 | Aġenti kontra l-infjammazzjoni/Aġenti kontra l-infjammazzjoni mhux sterojdi" |
| | | | 2 500 μg/kg | Ix-xaħam u l-ġilda | | |
| | | | 200 μg/kg | Il-fwied | | |
| | | | 150 μg/kg | Il-kliewi | | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 915/2010

## tat-12 ta' Ottubru 2010

## dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2011, l-2012 u l-2013 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 ([2]) ġie stabbilit l-ewwel programm Komunitarju multiannwali u kkoordinat li jkopri s-snin 2009, 2010 u 2011. Dak il-programm, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 901/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2010, l-2011 u l-2012, kompla jiżgura konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u jevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom ([3]).

(2) Fl-Unjoni, bejn 30 u 40 prodott tal-ikel jikkostitwixxu l-komponenti ewlenin tad-dieta. Peress li l-użu tal-pestiċidi wera bidliet sinifikanti fuq perjodu ta' tliet snin, il-pestiċidi għandhom ikunu mmonitorjati f'dawk il-prodotti tal-ikel fuq serje ta' ċikli ta' tliet snin sabiex l-esponiment tal-konsumatur u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jiġu evalwati.

(3) Fuq il-bażi ta' distribuzzjoni ta' probabbiltà binomjali, jista' jiġi kkalkulat li l-eżaminar ta' 642 kampjun jippermetti, b'ċertezza ta' aktar minn 99 %, l-iżvelar ta' kampjun li jkun fih ammont ta' residwi tal-pestiċidi ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni (LOD), bil-kundizzjoni li mhux anqas minn 1 % mill-prodotti jkun fihom residwi ta' livell ogħla minn dak il-limitu. Il-ġbir ta' dawn il-kampjuni għandu jitqassam fost l-Istati Membri skont l-għadd tal-popolazzjoni, b'minimu ta' 12-il kampjun għal kull prodott u għal kull sena.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1
([2]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9
([3]) ĠU L 256, 29.9.2009, p. 14.

(4) Fejn id-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi oħra, metaboliti jew prodotti li jirriżultaw mid-degradazzjoni, dawk il-metaboliti għandhom jiġu rrappurtati separatament fejn ikun rilevanti.

(5) Gwida dwar il-"Validazzjoni tal-Metodu u Proċeduri għall-Kontroll tal-Kwalità għall-Analiżi tar-Residwu tal-Pestiċidi fl-ikel u fl-għalf" hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni ([4]). L-Istati Membri għandhom jitħallew, taħt ċerti kundizzjonijiet, jużaw metodi ta' skrining kwalitattiv.

(6) Għall-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni għandha tapplika d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u l-annimali u li tħassar id-Direttiva 79/700/KEE ([5]) li tinkorpora l-metodi u l-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni rrakkomandati mill-Kummissjoni Codex Alimentarius.

(7) Huwa wkoll neċessarju li jiġi evalwat jekk il-livelli massimi ta' residwi għall-ikel tat-trabi, stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment kif emedat bid-Direttiva 1999/21/KE ([6]) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar ([7]), humiex jiġu rrispettati, billi jitqiesu biss id-definizzjonijiet ta' residwu kif inhuma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(8) Huwa neċessarju wkoll li jiġu evalwati l-effetti aggregati, kumulattivi u sinerġistiċi possibbli tal-pestiċidi. Din l-evalwazzjoni għandha tibda b'xi organofosfati, karbamati, trijażoli u piretrojdi, kif stipulat fl-Anness I.

(9) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, l-informazzjoni li tikkonċerna s-sena kalendarja preċedenti.

([4]) Dokument Nru SANCO/10684/ 2009, Implimentat sal-1.1.2010. http://ec.europa.eu/food/plant/protection/resources/qualcontrol_en.pdf
([5]) ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30.
([6]) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1
([7]) ĠU L 339, 6.12.2006. p. 16.

(10) Sabiex tkun evitata xi konfużjoni minħabba koinċidenza bejn il-programmi multiannwali konsekuttivi, ir-Regolament (KE) Nru 901/2009 għandu jitħassar fl-interess taċ-ċertezza legali. Dan għandu, madankollu, jkompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2010.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom, matul is-snin 2011, 2012 u 2013 jieħdu u janalizzaw kampjuni għall-kumbinazzjonijiet ta' residwi ta' prodotti/pestiċidi, kif stipulat fl-Anness I.

In-numru ta' kampjuni għal kull prodott għandu jkun skont kif stipulat fl-Anness II.

*Artikolu 2*

1. Il-lott li għandu jittieħed minnu l-kampjun għandu jintgħażel b'mod każwali.

Il-proċedura ta' teħid ta' kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, għandha tikkonforma mad-Direttiva 2002/63/KE.

2. Il-kampjuni għandhom jiġu analizzati skont id-definizzjonijiet ta' residwu stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni ttestjati fl-2011, l-2012 u l-2013 sal-31 ta' Awwissu 2012, 2013 u 2014 rispettivament.

Flimkien ma' dawn ir-riżultati, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-metodi analitiċi użati u l-livelli ta' rappurtar milħuqa, skont il-gwida dwar il-Validazzjoni tal-Metodi u Proċeduri għall-Kontroll tal-Kwalità għall-Analiżi tar-Residwi tal-Pestiċidi fl-ikel u fl-għalf; fejn jintuża l-iskrining kwalitattiv, ir-riżultati li jkunu iktar baxxi mil-livell ta' rappurtar għandhom jiġu rrappurtati bħala riżultati mhux misjuba;

(b) limitu ta' determinazzjoni applikat fil-programmi ta' kontroll nazzjonali u fil-programmi ta' kontroll tal-Unjoni;

(c) fejn tippermetti l-leġiżlazzjoni nazzjonali, dettalji tal-miżuri ta' infurzar meħuda;

(d) f'każ li jinqabżu l-livelli massimi ta' residwu (MRLs), dikjarazzjoni bir-raġunijiet possibbli għal dan flimkien ma' kull osservazzjoni xierqa dwar alternattivi fil-ġestjoni tar-riskju.

2. Fejn id-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi, metaboliti u/jew prodotti li jirriżultaw mid-degradazzjoni jew ta' reazzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ir-riżultati tal-analiżi skont id-definizzjoni legali ta' residwu. Fejn ikun rilevanti, ir-riżultati għal kull wieħed mill-isomeri jew metaboliti prinċipali msemmija fid-definizzjoni ta' residwu għandhom jiġu ppreżentati separatament.

*Artikolu 4*

Ir-Regolament (KE) Nru 901/2009 huwa revokat.

Madankollu, dan għandu jkompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2010.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Kumbinazzjonijiet ta' pestiċidi/prodotti li għandhom jiġu mmonitorjati**

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| 2,4-D (Prodott tat-2,4-D u l-esteri tiegħu espress bħala 2,4-D) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| 4,4'-Metossiklor | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Abamektin (prodott tal-avermektin B1a, l-avermektin B1b u l-isomeru delta-8,9 tal-avermektin B1a) | ([a]) | ([b]), ([d]) | ([c]) |
| Aċefat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Aċetamiprid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Akrinatrina | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Aldikarb (prodott tal-aldikarb, is-sulfossidu u s-sulfun tiegħu, espress bħala aldikarb) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Amitraż (amitraż li jinkludi l-metaboliti li fihom frazzjoni tat-2,4–dimetilanilina espressi bħala amitraż) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Amitrol (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Ażinfosetil (***) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Ażinfosmetil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Ażossistrobina | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Benfurokarb | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Bifentrina | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Bitertanol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Boskalidu | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Jonju tal-bromur (***) (ara l-kumment aktar 'l isfel) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Bromopropilat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Bromukonażol (prodott tad-diasteroisomeri) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Bupirimat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Buprofeżina | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Kaptan | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Karbaril | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Karbendażim (Prodott tal-Benomil u l-karbendażim espress bħala karbendażim) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| Karbofuran (Prodott tal-Karbofuran u 3-Idrossikarbofuran espress bħala Karbofuran) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Karbosulfan | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Klordan (prodott taċ-ċisisomeri u t-transisomeri u l-ossiklordan espress bħala klordan) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Klorfenapir | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Klorfenvinfos | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Klormekwat (*) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Klorobenżilat (***) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Klorotalonil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Klorprofam (Klorprofam u 3-Kloroanilina espressi bħala Klorprofam (ara l-kumment aktar 'l isfel)) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Klorpirifos | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Klorpirifosmetil | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Klofenteżin (Prodott tal-komposti kollha li fihom frazzjoni tat-2-Klorbenzoyl express bħala Klofenteżin ) ( id-definizzjoni ta' residwu hija kompost ġenitur biss għall-prodotti bażiċi kollha barra ċ-ċereali) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Klotjanidin | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Ċiflutrina (Ċiflutrina li tinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (prodott tal-isomeri)) | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Ċipermetrina (Ċipermetrina li tinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (prodott tal-isomeri)) | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Ċiprokonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Ċiprodinil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| DDT (prodott ta' p,p′-DDT, o,p′-DDT, p-p′-DDE u p,p′-DDD (TDE) espress bħala DDT) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Deltametrina (cisdeltametrina) | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Diażinon | ([a]), ([f]) | ([b]) | ([c]), ([e]) |
| Diklofluwanid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Diklorvos | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Dikloran | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Dikofol (prodott tal-isomeri p, p′ u o,p′) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| Dikrotofos (definizzjoni tar-residwu hija kompost ġenitur biss) | fażola | ([b]) | ([c]) |
| Dieldrina (Aldrina u dieldrina kkombinati espressi bħala dieldrina) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Difenokonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Dimetoat (Prodott tad-Dimetoat u l-Ometoat express bħala dimetoat) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Dimetoat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| ometoat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Dimetomorf | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Dinokap (prodott tal-isomeri tad-dinokap u l-fenoli li jikkorispondu magħhom espress bħala dinokap) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Difenilammin | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Endosulfan (Prodott tal-isomeri alfa u beta u s-sulfat tal-Endosulfan espress bħala Endosulfan) | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Endrin | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| EPN | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Epossikonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Etefon (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Etjon | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Etofenprox (F) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Etoprofos (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fenamifos (prodott tal-fenamifos u s-sulfossidu u s-sulfun tiegħu espress bħala fenamifos) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| fenarimol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fenażakwin | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Ossidu tal-fenbutatina (F) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fenbukonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Feneżamid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fenitrotijon | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fenossikarb | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fenpropatrina | ([a]) | ([b]) | ([c]) |

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| Fenpropimorf | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fentijon (Prodott tal-fentijon u l-analogu tal-ossiġnu tiegħu, is-sulfossidi u s-sulfun tagħhom espressi bħala ġenitur) | ([a]), ([f]) | ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Fenvalerat/Esfenvalerat (total) (prodott tal-isomeri RS/SR u RR/SS) | ([a]), ([f]) | ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Fipronil (Prodott tal-Fipronil + metabolita tas-sulfun (MB46136) espress bħala Fipronil ) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fluważifop (Fluważifop-P-butil (aċidu fluważifopiku (ħieles u konjugat))) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fludiossonil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Flufenossurun | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Flukwinkonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| flusilażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Flutrijafol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Folpet | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Formetanat (Prodott tal-Formetanat u l-imluħa tiegħu espress bħala idroklorur tal-Formetanat ) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fostijażat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Glifosat (**) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Alossifop li jinkludi l-alossifop-R (Esteru tal-alossifop-R-metil ester, alossifop-R u konjugi tal-alossifop-R espressi bħala alossifop-R (F) (R) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| HCB | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Ettaklor (prodott tal-ettaklor u l-epossidu tal-ettaklor, espress bħala ettaklor) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Eżaklorċikloeżan (HCH), Isomeru alfa | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Eżaklorċikloeżan (HCH), Isomeru beta | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Eżakloroċikloeżan (HCH) (Isomeru gamma) ( Lindan ) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Eżakonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Eżatijażox | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Imażalil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Imidakloprid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Indossakarb (Indossakarb bħala prodott tal-isomeri S u R ) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| Iprodion | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Iprovalikarb | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Kresossimmetil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Lambdaċialotrina (Lambdaċialotrina, li tinkludi kostitwenti isomeriċi mħallta oħra (prodott tal-isomeri)) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Linuron | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Lufenuron | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Malatjon (Prodott tal-Malatjon u l-Malaosson, espress bħala Malatjon) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Grupp Maneb (Prodott espress bħala CS2: Maneb, Mankożeb, Metiram, Propineb, Tiram, Żiram) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Mepanipirim u l-metabolita tiegħu (2-anilino-4-(2-idrossipropil)-6-metil-pirimidin) espressi bħala mepanipirim) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Mepikwat (*) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Metalassil (Metalassil li jinkludi taħlitiet ta' isomeri kostitwenti li jinkludu l-Metalassil-M (prodott tal-isomeri)) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Metkonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Metamidofos | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Metidatjon | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Metjokarb (Prodott tal-Metjokarb u s-Sulfossidu u s-Sulfun tal-Metjokarb, espress bħala Metjokarb) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Metomil (Prodott tal-Metomil u t-Tjodikarb espress bħala Metjomil) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Metossifenożid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Monokrotofos | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Miklobutanil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Nitempiram (***) | fażola | ([b]) | ([c]) |
| Ossadissil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Ossamil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Ossidemetonmetil (Prodott tal-Ossidemetonmetil u d-Demeton-S-Metil-sulfun espress bħala Ossidemetonmetil) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Paklobutrażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| Paratjon | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Paratjonmetil (Prodott tal-Paratjonmetil u l-Paraossonmetil espress bħala Paratjonmetil) | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Penċikuron | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Penkonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Pendimetalin | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Permetrina (prodott taċ-ċispermetrina u t-transpermetrina) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Fentoat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fosalun | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Fosmet (Fosmet u Fosmetosson espressi bħala Fosmet) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| fossim | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Piraklostrobina (F) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Pirimikarb (Prodott tal-Pirimikarb u d-Desmetilpirimikarb espress bħala Pirimikarb) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Pirimifosmetil | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Proklorażż (Prodott tal-Proklorażż + il-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni tat-2,4,6-Triklorofenol espress bħala Proklorażż) (****) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Proċimidun | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Profenofos | ([a]), ([f]) | ([b]), ([d]) | ([c]), ([e]) |
| Propamokarb (Prodott tal-Propamokarb u l-melħ tiegħu espress bħala Propamokarb) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Propargit | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Propikonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Propiżammid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Protjokonażol (Protjokonażoldestjo) (***) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Pirażofos | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Piretrini | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Piridaben | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Pirimetanil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| Piriprossifen | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Kwinossifen | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Kwintożan (Prodott tal-Kwintożan u l-Pentakloranilina, espress bħala Kwintożan) | ([f]) | ([e]) | ([e]) |
| Resmetrina (prodott tal-isomeri) (***) | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Spinosad (Prodott tal-Ispinosin A u l-Ispinosin D, espress bħala Spinosad) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Spirossammin | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tawfluvalinat | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tebukonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tebufenożid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tebufenpirad | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Teknażan | ([f]) | ([d]) | ([e]) |
| Teflubenżuron | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Teflutrina | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tetrakonażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tetradifon | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tjabendażol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tjametossam (Prodott tat-Tjametossam u l-Klotjanidin espress bħala Tjametossam) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tjakloprid | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tjodikarb | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tjofanatmetil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tolkloflosmetil | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Tolilfluwanid (Prodott tat-Tolilfluwanid u d-Dimetilaminosulfotoluwidid espress bħala Tolilfluwanid) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Trijadimefon u trijadimenol (prodott tat-trijadimefon u t-trijadimenol) | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Trijadimenol | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Trijadimefon | ([a]) | ([b]) | ([c]) |
| Aċidu aċetiku tat-Trijażol (***) barra mill-uċuħ tar-raba' perenni | ([a]) | ([b]) | ([c]) |

| | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|
| Aċidu lattiku tat-Trijażol (***) barra mill-uċuħ tar-raba' perenni | (a) | (b) | (c) |
| Alanin tat-Trijażol (***) | (a) | (b) | (c) |
| Trijażofos | (a), (f) | (b), (d) | (c), (e) |
| Triklorfon | (a) | (b) | (c) |
| triflossistrobina | (a) | (b) | (c) |
| Triflumuron (F) | (a) | (b) | (c) |
| Trifluralin | (a) | (b) | (c) |
| Tritikonażol | (a) | (b) | (c) |
| Vinklożolin (Prodott tal-Vinklożolin u l-metaboliti kollha li fihom frazzjoni tat-3,5-dikloraninilina, espress bħala Vinklożolin) (****) | (a) | (b) | (c) |
| Żossammid | (a) | (b) | (c) |

(a) Fażola fil-miżwed (friska jew iffriżata), karrotti, ħjar, larinġ jew mandolin, lanġas, patata, ross, spinaċi (friska jew iffriżata) u dqiq tal-qamħ

(b) Brunġiel, banana, pastard, għeneb tal-mejda, meraq tal-larinġ (l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sors (konċentrati jew frott frisk)), piżelli mingħajr miżwed (friski jew iffriżati), bżar (ħelu) qamħ u żejt taż-żebbuġa.

(c) Tuffieħ, kaboċċi bir-ras, kurrat, ħass, tadam, ħawħ inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili; segala jew ħafur, frawli u għeneb tal-inbid (ħomor jew bojod)

(d) Butir, Bajd tat-Tiġieġ.

(e) Ħalib tal-baqar, laħam tal-majjal.

(f) Laħam tat-tjur, fwied (frat u annimali oħra li jixtarru, majjali u tjur).

(*) Il-Klormekwat u l-mepikwat għandhom ikunu analizzati fiċ-ċereali (ħlief ir-ross), l-għeneb tal-mejda u l-lanġas.

(**) Ċereali biss.

(***) Għandhom jiġu analizzati fuq bażi volontarja fl-2011. Id-deċiżjoni li ma ssirx analiżi għandha tkun iġġustifikata permezz ta' valutazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji mill-Istati Membri.
Kumment dwar il-jonju tal-bromur. Il-jonju tal-bromur għandu jiġi analizzat bil-fors fil-ħass u t-tadam fl-2010, fir-ross u l-ispinaċi fl-2011 u fil-bżar ħelu fl-2012; u fuq bażi volontarja fil-bqija tal-prodotti bażiċi previsti għal kull sena. Id-deċiżjoni li ma jiġi analizzat l-ebda wieħed mill-prodotti bażiċi, għandha tkun iġġustifikata permezz ta' valutazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji mill-Istati Membri.
Id-definizzjoni ta' residwu tal-klorprofam għall-patata (klorprofam biss) għandha titqies fl-2011.

(****) Metaboliti fuq bażi volontarja biss.

*ANNESS II*

**Numru ta’ kampjuni msemmija fl-Artikolu 1**

(1) In-numru ta’ kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati minn kull Stat Membru huwa stabbilit fit-tabella fil-punt (5).

(2) Barra mill-kampjuni meħtieġa skont it-tabella fil-punt (5), fl-2011 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni ta’ ikel tat-trabi pproċessat b’bażi ta’ ċereali.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2012 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni, b’kollox, ta’ ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2013 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni, b’kollox, ta’ formuli u formuli ta’ prosegwiment għat-trabi.

(3) Kampjun għal kull prodott bażiku li għandu jittieħed u jiġi analizzat skont it-tabella fil-punt (5) għandu jkun, fejn ikun possibbli, minn prodotti li joriġinaw mill-biedja organika.

(4) L-Istati Membri li jużaw metodi ta’ analiżi ta’ residwi multipli jistgħu jużaw metodi ta’ skrining kwalitattiv fuq sa 15 % tal-kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati skont it-tabella f’punt (5). Meta Stat Membru juża metodi ta’ skrining kwalitattiv, għandu janalizza l-bqija tal-kampjuni permezz ta’ metodi ta’ analiżi ta’ residwi multipli.

Jekk ir-riżultati tal-iskrining kwalitattiv ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jużaw metodu tas-soltu ta’ mmirar biex jikkwantifikaw is-sejbiet.

(5) Numru ta’ kampjuni għal kull Stat Membru.

| Stat Membru | Kampjuni | Stat Membru | Kampjuni |
|---|---|---|---|
| BE | 12 (*)<br>15 (**) | LU | 12 (*)<br>15 (**) |
| BG | 12 (*)<br>15 (**) | HU | 12 (*)<br>15 (**) |
| CZ | 12 (*)<br>15 (**) | MT | 12 (*)<br>15 (**) |
| DK | 12 (*)<br>15 (**) | NL | 17 |
| DE | 93 | AT | 12 (*)<br>15 (**) |
| EE | 12 (*)<br>15 (**) | PL | 45 |
| EL | 12 (*)<br>15 (**) | PT | 12 (*)<br>15 (**) |
| ES | 45 | RO | 17 |
| FR | 66 | SI | 12 (*)<br>15 (**) |
| IE | 12 (*)<br>15 (**) | SK | 12 (*)<br>15 (**) |
| IT | 65 | FI | 12 (*)<br>15 (**) |
| CY | 12 (*)<br>15 (**) | SE | 12 (*)<br>15 (**) |
| LV | 12 (*)<br>15 (**) | UK | 66 |
| LT | 12 (*)<br>15 (**) | | |

**NUMRU TOTALI MINIMU TA’ KAMPJUNI: 642**

(*) Numru minimu ta’ kampjuni għal kull metodu applikat għal residwu uniku.
(**) Numru minimu ta’ kampjuni għal kull metodu applikat għal residwi multipli.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 916/2010

## tat-12 ta' Ottubru 2010

## li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imdaħħal fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fourme d'Ambert ou fourme de Montbrison (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tiegħu, il-Kummissjoni eżaminat it-talba mressqa minn Franza għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Fourme d'Ambert ou fourme de Montbrison", irreġistrata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1263/96 ([3]).

(2) Billi l-emendi konċernati mhumiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom għalhekk jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-isem ippublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jikkonċerna d-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 19.
([4]) ĠU C 27, 3.2.2010, p. 8.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.3. Il-ġobnijiet**

FRANZA

Fourme d'Ambert (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 917/2010

## tat-12 ta' Ottubru 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fourme de Montbrison (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tiegħu, it-talba mressqa minn Franza biex id-denominazzjoni "Fourme de Montbrison" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha għalhekk tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 27, 3.2.2010, p. 19.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.3. Ġobnijiet**

FRANZA

Fourme de Montbrison (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 918/2010

## tat-12 ta’ Ottubru 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kiełbasa lisiecka (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa mill-Polonja biex id-denominazzjoni “Kiełbasa lisiecka” tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni ta’ oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha għalhekk tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b’dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Ottubru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
(2) ĠU C 28, 4.2.2010, p. 26.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Il-kategorija 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajjar, immellaħ, affumikat, eċċ.)**

IL-POLONJA

Kiełbasa lisiecka (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 919/2010

## tat-12 ta' Ottubru 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ottubru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 70,2 |
| | MK | 51,8 |
| | TR | 78,0 |
| | ZZ | 66,7 |
| 0707 00 05 | MK | 54,8 |
| | TR | 132,4 |
| | ZZ | 93,6 |
| 0709 90 70 | TR | 122,0 |
| | ZZ | 122,0 |
| 0805 50 10 | AR | 79,1 |
| | BR | 100,4 |
| | CL | 84,5 |
| | IL | 91,2 |
| | TR | 96,7 |
| | UY | 117,2 |
| | ZA | 78,5 |
| | ZZ | 92,5 |
| 0806 10 10 | BR | 227,7 |
| | TR | 132,0 |
| | ZA | 64,2 |
| | ZZ | 141,3 |
| 0808 10 80 | AR | 75,7 |
| | BR | 51,1 |
| | CL | 149,5 |
| | CN | 82,6 |
| | NZ | 113,7 |
| | ZA | 93,1 |
| | ZZ | 94,3 |
| 0808 20 50 | CN | 96,0 |
| | ZA | 77,5 |
| | ZZ | 86,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi “ZZ” jirrappreżenta “oriġini oħra”.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT